Qorti tal-Maġistrati (Malta)

Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Ir-Repubbblika ta' Malta

(Av. Ylenia -Marie Abela)

(Spettur Elisia Scicluna)

vs

Vincent Pace

Maverick Attard

Kumpilazzjoni Numru: 1/2025

Illum, 3 ta' Jannar, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Vincent Pace detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0209480M u Maverick Attard detentur tal-

karta tal-identità bin-numru 0190204L akkuzati talli mal-lejl ta' bejn il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) u s-sitta u għoxrin (26) ta' Diċembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) bejn is-sebgħa ta' flgħaxija (07:00pm) u is-sebgħa ta' filgħodu (07:00am) fil-viċinanzi ta' Triq is-Sajjieda, Marsa u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer;

1. Ikkommettew serq ta' diversi oġġetti min ġewwa sit ta' kostruzzjoni liem serq huwa kwalifikat bil-**mezz**, bil-**ħin** u bil-**valur** liem ammont jeċċedi elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37) u dan għad-detriment ta' **Abdullah Batur Dogan** u/jew persuna/i naturali u/jew ġuridiċi oħra;[1]

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Abdullah Batur Dogan** u/jew xi persuna/i oħra billi toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u f'każ ta' ħtija, huma mitluba sabiex jipprovdu għas-sigurtà tal-persuni offiża ai termini tal-Artikolu 382A, 383, 384, 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex kemm-il darba ssib ħtija fl-imputati għar-reati relattivi, tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-

[1] Artikoli 261 (b)(ċ)(f), 263(a), 266(1)(2), 267, 270, 279(b), 280(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll tħaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu ieħor tal-liġi li jiżgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tordna l-konfiska tal-istrumenti li servew jew li kienu maħsuba li jservu sabiex isir id-delitt, u ta' kull ma jkun ġie miksub bid-delitt, u dan ai termini tal-Artikolu 23 Kapitolu 9 u l-Artikolu 56 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, tiskwalifika lill-imputati milli jkollhom jew jiksbu dak il-warrant, liċenzja, permess jew awtorità, għal perjodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq, u dan ai termini tal-Artikolu 30 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 57 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati 261 (b)(ċ)(f), 263(a), 266(1)(2), 267, 270, 279(b), 280(1)(2), 412C, 382A, 383, 384 385, 532A, 532B, 533 15A, 23 u 30 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u 56 u 57 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta tal-Kodici Kriminali ta' Malta.

Semgħet lill-imputati jirreġistraw ammissjoni tal-akkużi kif dedotti kontrihom u wkoll reġghu kkonfermaw l-ammissjoni tagħhom anke wara li ngħataw żmien raġonevoli sabiex jaħsbuha;

Stante li l-imputati ammettew l-akkuzi fi stadju bikri u stante li r-res furtiva giet moghtija lura u stante li l-fedina penali taghhom huma netti ssib lill-imputati Vincent Pace u Maverick Attard hatja tal-akkuzi u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed jigu kkundannati għal piena ta' sentejn (2) priġunerija kull wiehed li qed jiġu sospiżi għal erba' (4) snin.

Inoltre u a bażi tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputati qegħdin jiġu mpoġġija taħt Ordni ta' Supervizjoni sabiex jigu ndirizzati l-problemi soċjali tagħhom.

Qed tiġi mposta wkoll Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) fil-konfront ta' Abdullah Batur Dogan u liema ordnijiet għandhom jifformaw parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputati Vincent Pace u Maverick Attard ir-riperkussjonijiet jekk tali ordnijiet ma jiġux obduti.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**